**Id-dritt li wiehed ikollu dar tieghu**

Wahda mill-affarijiet sbieh li ghandu pajjizna hija li hafna nies ghandhom dar taghhom u ma jghixux fuq kera. Din hija xi haga li hija mprezzabbli izda mhux kulhadd jifhem il-valur ta' dan..

L-Gvern ghandu r-responsabilita li jzomm il-proprjeta accessibli ghaz-zghazagh. Irid jiehu mizuri biex jghin lil pajjizna jzomm dan il-pregju li ghandna. Il-proposti li qed jofri l-partit laburista fir-rigward tal-proprjeta jhares lejn dan kollu. L-erbgha proposti principali huma:

- It –twaqqif ta' fond ta' ghajnuna
- Kontroll fuq l-interessi – (Capping)
- Tnaqqis fuq taxxa tal-Boll
- Ghajnuna f'kaz ta telf ta impjieg

Kull wahda minn dawn il- mizuri huma ntizi biex jaghtu nifs liz-zghazagh halli jkunu jistghu jinvestu fil-proprjeta taghhom.  Ghandna nassiguraw irwiehna li z-zghazagh jkunu ggwidati tajjeb. Mhux l-ewwel darba li nisimghu b'zghazagh li gew moghtija parir hazin jew bi zball jew inkella ntenzjonalment.

Wiehed japprezza li certi ndividwi jkollhom il-pressjoni biex ibieghu ghax l-ghixien taghhom jiddependi minn dan izda mhux gust li dan isir b'certu mod. Hemm ukoll il-kazi genwini fis-sens li l-mizinformazzjoni tigi moghddija minhabba li l-persuna li qed taghti l-parir ma tkunx taf l-affarijiet sew. Ghaldaqstant jehtieg li nassiguraw li min qed jopera fis-settur ikun infurmat tajjeb u li jimxi b'kodici ta' etika li jisthoq lil dan is-settur.

Wisq nibza li fin-nuqqas ta' kodici u regolamenti infurzati ser jibqa jkun hawn l-abbuz u l-mizinformazzjoni. L-aktar li jbaghtu f'dawn ic-cirkustanzi huma z-zghazagh ghax ma jkollhomx l-esperjenza necessarja biex jiznu tajjeb lil minn qed jaghtihom il-konsulenza. Ghaldaqstant, filwaqt li nappella lil kulhadd biex joqghod attent u jaghmel distinzzjoni bejn konsulent ta' proprjeta u iehor jehtieg li nibdew inharsu lejn ir-regolamentazzjoni ta' din l-industrija. Konvint li hafna mill-ispekulazzjoni li ghaddeja fis-suq tonqos ukoll meta jkollok suq qed jopera b'kompetizzjoni gusta. Hadt pjacir nisma li l-Federation of Estate Agents qeda diga tadotta xi forma ta' self regulation billi habret kodici ta' etika. Ghandna bzonn aktar minn dawn l-inizjattivi.

Ghandna nassiguraw li ma ndahlux liz-zghazagh f'piz zejjed. ta' min ihares u janalizza tajjeb lejn kif qed jinghata certu self. Ghandhom jittiehdu mizuri li jharsu lejn il-process shih u ghandhom jibdew jittiehdu azzjonijiet biex tieqaf certu attivita mhux mixtieqa. Billi professjonista wassal lil zaghzugh biex jiehu self u rrakkomandalu ammont li ried ma jfissirx li ghenu. Jista jkun li pjuttost kisru jekk dan il-persuna ma felhitx ghal dak il-piz. Jehtieg li kullhadd igorr ir-responsabilitajiet tieghu.

Barra minn hekk biex tonqos l-ispekulazzjoni fuq il-proprjeta jehtieg li wiehed jincentiva l-investiment f'setturi ohra. Wiehed josserva li l-ammont ta' investituri li jersqu lejn il-proprjeta jizdied fi zminijiet fejn jehel investiment iehor.

Fl-ahhar mill-ahhar, l-issue dejjem taqa fuq ir-rata tat-tkabbir ekonomiku gewwa pajjizna. Dan ghaliex meta din tkun qed tikber kif jixraq allura jonqos l-abbuz, tonqos l-ispekulazzjoni, jizdied ix-xoghol u tigi ssalvagwardjata d-dinjita tal-bniedem.

**Ivan V. Buttigieg huwa Kandidat ghall-Partit Laburista fuq it-tielet distrett (Fgura, Wied Il-Għajn u ż-Żejtun)**

**www.ivanbuttigieg.com**